Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

# MINUTI TAD-DISGHA W TLETIN LAQGHA TAL-KUNSILL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 21 ta' Lulju 2009 | | | |
| **HIN** | Minn | 6.30pm | Sa | 8.30pm |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Prezenti** | | | |
| **Skuzat** | **Sindku** | Sur | NORBERT PACE |
| | **Vici-Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| | | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | | Sur | RALPH CASSAR |
| | | Dr. | MARIA LOUISA GAUCI BALUCI |
| | | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| | | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| | **Segretarju Ezekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

Is-Sindku talab sospensjoni tal-laqgha sabiex jigbed l-attenzjoni tal-kunsilliera dwar ix-xewqa tieghu li l-laqgha tkun wahda civili mhux bhal ta' nhar it-Tlieta li ghaddew.

Is-Sur Ralph Cassar saqsa barra mill-Agenda jekk ghal Gnien Hal Warda l-Kunsill applikax ghall-fondi. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li m'hemmx fondi bizzejjed ghall-progett kollu u hi applikat ukoll ghall-Fondi Specjali.

Fil-pront bdiet diskussjoni bejn s-Sur John P.Bonnici, is-Sur Mark Spiteri u s-Sur Stefan Cordina fuq il-ghala ma tnizzilx fl-Agenda l-*item* fuq il-balavostiri ta' hdejn il-Knisja li hu ried jiddiskusti t-Tlieta li ghaddew u li minhabba li s-Sindku temm il-laqgha ma setax appuntu ghax is-Sindku ma riedx jiddiskuti dan l-*item*.

Is-Sur Spiteri qal li l-laqgha ma kelliex issir fuq din biss minhabba li l-ahhar darba saret laqgha b'*item* wiehed.

Is-Sur Cordina qal biex ifakkar sewwa lis-Sur Bonnici li hu kien qallu li ma kienx hemm boghod mit-Tlieta ta' qabel ghall-lum.

Is-Sur Bonnici lmenta fuq artiklu li deher fuq il-gazzetta n-Nazzjon (kopja mehmuza ma dawn il-Minuti) fuq att ta' vandalizmu li sar fil-Pjazza u li fih kienu jissemmew xi nuqqas ta' qbil bejn xi Kunsilliera u bejn xi ohrajn jekk jitnehhewx il-balavostri jew le u li fih saret intervista lis-Sindku. Hu lmenta li fl-artiklu kien hemm miktub li saru diversi laqghat imma staqsa fejn qatt saru jekk qas biss inghata opportunita' jitkellem nhar it-Tlieta li ghaddew.

Is-Sur Cordina kompla billi qal li kieku ta cans kien ikun jaf li din il-laqgha fost affarijiet ohra saret biex tigi diskussa din l-i*tem* imma taht Punti Mqajjma u mhux titnizzel fl-Agenda.

Is-Sur Bonnici qal li wahda mill-prijoritajiet kellha tkun din.

Is-Sur Spiteri qal li jekk irid jemmnu jew le imma hu l-gimgha l-ohra, wara li hu telaq irrabjat ghall-arrieda, li riedu jitkellmu fuq it-tnehhija tal-hajt u li dan ma setax jibqa' kif inhu, li seta' jsir passagg fuq wara imma ftehmna wkoll li zgur ma konniex ha nhallu l-affarijiet kif inhuma. Ahna qal is-Sur Spiteri spjegajna lis-Sur Pace bil-kwiet u hu accetta u jiena mort id-dar. Fil-fatt ergajna tkellimna u wasalna ghall-kompromess imma zgur miniex ha nittollera li propju jumejn wara dan id-dizgwit xi hadd ha il-ligi b'idejh ghax dan issa ha jiswa flus zejda l-Kunsill.

Is-Sur Bonnici qal li l-hajt huwa l-inqas haga li ghandu jinkwieta fuqha bhalha spejjez zejda.

Is-Sur Spiteri tenna li l-prijorita' ma kinetx li jikkonvinci lilu u li hu joqghod jaghmel il-mutetti u mbaghad isiru l-vendikazzjonijiet u naghtu l-ghala li bil-Kunsill jista' allura jibqghu ghaddejjin dawn l-affarijiet. Hu kompla billi qal li setghet tnizzlet fl-Agenda imma li hadd ma qalilhom li ma kienux sa jitkellmu fuqha din l-*item*.

Is-Sur Bonnici qal li saret laqgha shiha fuq il-kwistjoni tal-barriera ta' venven imma kumbinazzjoni din ma tnizzlitx fl-Agenda u li ma inghatax cans jitkellem ghax fl-Agenda ma kienx hemm imnizzla Punti Mqajjma.
Is-Sur Spiteri qal li kien haseb li s-Sindku kien zbaljat u li fil-ligi kien hemm imnizzel li setghu jiddiskutu xi punti qabel m'aggorna l-laqgha imma fil-fatt kellu ragun x'hin aggorna.
Is-Sur Pace qal skond il-ligi tal-Kunsilli huma kienu *in order*.
Is-Sur Cassar qal li kien gie maqbul wara li ntemmet il-laqgha imma setghet tnizzlet fl-Agenda.
Is-Sur Bonnici qam bil-wieqfa u beda jerfa' kollox.
Fil-pront is-Sur Cordina qal li jekk kellu l-intenzjoni li jitkellem u din tigi diskussa kif fil-fatt ha jsir ghalfejn qam biex jitlaq il-barra.
Is-Sur Alfred Zammit qal li dan mhux sew. Hu tenna li hu kontra kwalunkwe tip ta' vandalizmu u jikkundannah dejjem. Hu qal hu ma giex imsejjah biex jiffirma d-dikjarazzjoni u jinsab ferm urtat. Ghalhekk hu qam bil-wieqfa wkoll.
Is-Sinjuri Bonnici u Zammit hallew is-Sala u telqu.

Is-Sur Pace qara dikjarazzjoni iffirmata minn erba' membri tal-Kunsill cioe' is-Sinjuri Pace, Cordina, Spiteri u Gauci Baluci fejn huma kkundannaw il-vandalizmu li sar fuq il-Pjazza fil-lejl ta' bejn l-Erbgha u l-Hamis (kopja mehmuza ma dawn il-Minuti). Hu qal li min irid jista' jinghaqad ma din id-dikjarazzjoni.
Is-Sur Cassar ikkummenta fuq il-kelma *individwu* u qal li ghandha titnizzel *individwi* minhabba li hekk qisha tidher li min iffirma jaf min ghamel dan l-att.
Is-Sur Pace qal li l-pulizija ha tiehu l-passi necessarji.
Is-Sur Cassar qal li hu xtaq jikkundanna kull att ta' vandalizmu u li l-Kunsill ta' messagg hazin.
Is-Sur Pace qal li meta tnehhew il-balavostri meta ntrama l-palk ta' Zaffarese il-permess hareg minn individwu/Kunsillier u mhux mill-Kunsill.
Is-Sur Cordina qal li meta Zaffarese beda jarma l-palk xi Kunsillier qallu biex jarmi kollox l'hemm.
IS-Sur Spiteri qal li issa ahjar titkompla l-laqgha ghax inghad bizzejjed fuq dan l-argument.

1. **APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**
   Dan l-item inqabez.

**2. KORRISPONDENZA**

🗁 Ittra minghand Oasi fuq iz-Zaghzugh tas-Sena 2009. Gie suggerit l-isem ta' Amy Zahra li spikkat fl-ghajnuna li tat lill-persuna b'dizabilita'.

🗁 *Draft design* ta' *bus shelter* minghand Mario Mallia. Il-Kunsill qal li gholjin wisq.

🗁 E-mail minghand Thelma Mamo fuq loghob abbuziv tal-football fi Gnien Tal-Fuklar.

🗁 Ittra minghand is-Sur Cordina rigward applikazzjoni tal-*Green Challenge Award*. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li l-Kunsill kien ha japplika kemm ghall-*Green Challenge Award* kif ukoll ghall-*Local Enterprise Scheme* u li appuntu l-applikazzjonijiet kienu qeghdin mehmuza mal-korrispondenza. Is-Sur Spiteri qal li ghall-*Green Challenge Award* ta' min isemmi li l-Kunsill se jaghti donazzjoni ta' panelli lill-Kullegg San Nikola, Skola Primarja Tumas Dingli. Qalet ukoll li barra dawn kien hemm applikazzjoni ghall-Skema Attivitajiet 2010 li ghaliha l-Kunsill kien ha japplika wkoll.

🗁 E-mail rigward attivita' li kienet se tinzamm nhar il-31 ta' Lulju bit-tema 'Il-Ktieb Pass 'il Boghod Minnek'.

🗁 E-mail minghand Chris Bonaci rigward hajt mibni skon hu illegalment. Il-Kunsill ra li dan il-hajt mhux mibni llegalment imma sabiex jipprotegi lil min ikun miexi mimli jinzel ghat-triq li taghti ghal go dahla ta' garaxx jekk jinzerta li l-vettura tkun hierga ghall-gharrieda.

🗁 Ittra minghand is-Socjeta' Muzikali La Stella Levantina fuq kirja ta' siggijiet ghal waqt il-Kuncert tal-festa. Din it-talba giet milqugha biss il-kirja taghhom ha jiehu hsiebha l-Kunsill.

3. *ENERGY DAY* **F'ATTARD**

Is-Sur Cassar ta' spjegazzjoni ta' x'se jsir skond l-email mibghuta lill-Kunsilliera. Is-Sinjorina Gauci Baluci staqsiet jekk il-*funding* hux gej kollu mill-EU. Is-Sur Cassar qalli li le, imma li l-EU tipprovdi l-materjal u mhux il-flus minhabba li din l-attivita' ma tridx wisq xoghol imma iktar koordinament u ftehim ma min ibiegh *solar heater, microturbines* etc u li min irid jista' jirriklama l-prodotti tieghu f'dik li ha tkun speci ta' fiera. Is-Sur Spiteri qal li jekk ma jkollniex konkorrenza *we call it off.* Is-Sur Cassar qal li din l-attivita' tista' tigi ko-ordinata minnu u s-sinjuri Cordina u Spiteri.

**4. SKEMA DWAR INIZJATTIVI TA' ATTIVITAJIET 2010**

Is-Segretarju Ezekuttiv giet mitluba tlesti l-applikazzjoni ghall-attivita' bhal dik li saret sentejn ilu LEJL GHAT-TARD u din issir ghal habta ta' LULJU 2010. Is-Sur Spiteri qal li jekk jirnexxi jista' wkoll jigi nkluz fil-programm xi zbandjeratori, zwiemel bix-xaretta etc. Ghal Gieh H'Attard kien hemm proposta li jingab Joseph Calleja pero' dan l-item ha jigi diskuss fil-laqgha li jmiss.

**5. SEJHA GHALL-OFFERTI TAL-KNIS**

Is-Sur Cassar li l-knis kien ga problema kif inhu u l-monitoragg tieghu irid ikun kostanti. Is-Sinjorina Gauci Baluci staqsiet kif tista' timmonitorja skeda daqshekk vasta. Is-Sur Cordina qal li ma tistax tinhela fuq dawn l-affarijiet. Is-Sur Cassar qal li dawn it-toroq li gejjin ghandhom jinkinsu darbtejn fil-gimgha: Pitkali, Vassallo, Sedqa, Ghenba, Kananea, Inbid, Santa Katerina, Linja, Tumas Dingli, Mosta (fuq) u Kromb. It-Tender ghandha tinhareg immedjatament u jekk jista' jkun taghlaq xahar qabel ma tiskadi t-tender halli b'hekk il-kuntratt il-gdid jibda kif jispicca il-qadim.

**6. TRIQ IL-MINGEL**

Is-Sur Pace ghandu jikteb/jkellem lis-Sur Hector u jtiegh l-ultimatum.

**7. PUNTI MQAJJMA**

Is-Sur Stefan Cordina ressaq dawn il-punti:

- Triq iz-Zragen nergghu nibghatu l-karti skond il-Policy ghall-Bays.
- Sprall fi Triq il-Mosta kien ha jipprova jkellem lil xi hadd forsi lil Works Division forsi jaghmluhulna.

Is-Sur Ralph Casar ressaq dan il-punt:

- Fakkar fuq il-hitan tal-MEPA sabiex nibghatulhom reminder. Is-Sur Cordina kien qed jiehu hsieb jibghat il-korrispondenza lill-MEPA.

**8. AGGORNAMENT**

Il-laqgħa giet aggornata fit-8.30pm.

| _________________________ | _____________________ |
| --- | --- |
| Sindku | Data |